MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 259/1998/1

**Peter Paul u Lucy konjugi Falzon**

**v.**

**Mary Rose mart John Vella, Carmena mart Rocco Zahra,**
**Joseph Vella, Michael Vella kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' hutu l-imsefrin Emanuel Vella, Angelo Vella u**
**Rita mart Joseph Bartolo u b'nota tad-9 ta' Frar 2007, Carmena mart Rocco Zahra assumiet l-atti bhala prokuratrici ta' l-imsiefra konvenuta appellanti Rita mart Joseph Bartolo; b'digriet tal-25 ta' April 2008, stante l-mewt ta' Mary Rose Vella fil-mori tal-kawza, il-**

**gudizzju gie trasfuz f'isem Peter Paul, Anthony u Charlene xebba Vella f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' hutha l-imsefrin Mary Jane mart Sam Sciberras, Jennifer mart George Attard u Alison xebba Vella; ilkoll ahwa Vella**

**Il-Qorti:**

Tirrileva fl-ewwel lok li dan l-appell gie mholli ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2008, u, in segwitu ghal-lum.

Illi fil-kors ta' l-ezami ta' l-atti, din il-Qorti sabet li fir-rikors ta' appell, l-appellanti Angelo Vella u Rita mart Joseph Bartolo allegaw li huma qatt ma kienu taw xi mandat lill-konvenut Michael Vella biex jidher ghalihom f'din il-procedura, minkejja li dan tharrek ukoll ghan-nom taghhom da parti ta' l-atturi appellati u pprezenta nota ta' eccezzjonijiet (wahda ta' ammissjoni) f'isimhom ukoll;

Illi, minbarra s-suespost, din il-Qorti sabet ukoll illi,

(i) il-konvenut Emanuel Vella baqa' ma giex notifikat bir-rikors ta' appell ghalkemm inizjalment fl-ewwel istanza kien qed jidher ghalih il-konvenut Michael Vella;

u

(ii) l-Avukata Dottoressa Georgina Scicluna Bajada li originarjament ipprezentat in-nota ta' eccezzjonijiet f'isem il-konvenut Michael Vella proprio et nomine spiccat biex fil-kors tal-kawza bdiet tidher anke ghan-nom tal-kontro-parti attrici (ara verbali fol. 120, 124 u nota ta' sottomissjonijiet fol. 136-148 tal-process) sakemm f'istadju ta' appell, l-Avukata Angele Formosa dehret wehedha fl-interess ta' l-atturi.

In vista tas-suespost ghalhekk, jidher opportun li qabel ma din il-Qorti tipprocedi oltre, tinghatalha kjarifiki ulterjuri u ghal dan il-ghan qeghda tordna li gej:-

(i) li l-imsemmi konvenut Michael Vella jispjega bil-gurament kif u meta nghatalu l-mandat biex ikun jista'

jidher ukoll fil-kawza ghan-nom ta’ l-imsefrin Angelo Vella u Rita mart Joseph Bartolo;

(ii) li bl-istess mod jigi indikat bil-gurament mill-atturi x’gieghlhom iharrku lill-konvenut Michael Vella sabiex dan jidher ukoll ghan-nom ta’ l-imsefrin Angelo Vella, Rita Bartolo u Emanuel Vella;

(iii) li l-atturi, jew l-Avukat taghhom, jindikaw lill-Qorti min qieghed jidher u jippatrocina f’dan l-appell lill-imsiefer Emanuel Vella;

(iv) li l-imsemmija Avukat Dottoressa Georgina Scicluna Bajada tidher quddiem din il-Qorti sabiex tispjega ezattament bil-gurament il-posizzjoni professjonali taghha f’din il-kawza.

Ghaldaqstant, filwaqt li qieghda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, qeghda tiddifferixxi l-kawza ghall-20 ta’ Ottubru 2008, ghalbiex jinghataw il-kjarifiki surreferiti u ghalhekk tordna li ssir notifika ta’ dan id-digriet lill-partijiet u l-Avukati koncernati, a kariku tar-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------